IDENTITY MALTA

UFFIĊĊJU TAL-PASSAPORTI
*PASSPORT OFFICE*

**FORMOLA A**
***FORM A***

**APPLIKAZZJONI GĦALL-PASSAPORT MALTI**
***APPLICATION FOR A MALTA PASSPORT***

**Id-Direttorat tar-Reġistrazzjoni Ċivili jiġbor l-informazzjoni sabiex ikun jista' jagħti s-servizzi mitluba skont l-Ordinanza dwar il-Passaporti, Kapitolu 61. Kull *data* miġbura u pproċessata hija konformi mal-Att tal-2001 dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u l-imsemmija Ordinanza u leġiżlazzjoni sussidjarja oħra.**
***The Civil Registration Directorate carries out its functions under the Passports Ordinance, Chapter 61. All data is collected and processed in accordance with the Data Protection Act 2001, the said Ordinance, other subsidiary legislation and the Privacy Policy of the Directorate.***

Jekk jogħġbok, aqra sewwa n-noti li fiha l-formola qabel ma timlieha.
*Please refer to the attached notes before completing this form.*

## 1. DETTALJI TAL-APPLIKANT
***APPLICANT'S DETAILS***

Din it-taqsima trid timtela mill-applikanti **kollha**. Immarka b'salib il-kaxxa fejn indikat b'asterisk*.
*This section has to be filled in by **all** applicants. Insert an **x** in boxes marked with an asterisk*.*

Kunjom
*Surname*

Isem
*Name*

Ġeneru* / *Gender**: Raġel / *Male* ☐ Mara / *Female* ☐ Ġeneru ieħor / *Other gender* ☐

Data tat-twelid / *Date of birth*

Numru tal-Karta tal-Identità / *Identity Card number*

Post tat-twelid / *Place of birth*

Pajjiż tat-twelid / *Country of birth*

Stat*: / *Status*:*
Ġuvni/Xebba / *Single* ☐
Miżżewweġ/Miżżewġa / *Married* ☐
Separat/a*Single* / *Separated* ☐
Armel/armla / *Widowed* ☐
Divorzjat/a / *Divorced* ☐
F'Unjoni Ċivili / *Civil Union* ☐
F'Koabitazzjoni Legali / *Legal coabitation* ☐

Indirizz
*Address*

Kodiċi postali
*Postcode*

*email* tiegħek
*your emial*

Telefon / *Telephone*

Telefon ċellulari / *Mobile phone*

## 2. DETTALJI TAL- ĠENITURI
***DETAILS OF PARENTS***

Din it-taqsima trid timtela mill-applikanti kollha.
*This section has to be filled in by all applicants.*

Isem u kunjom l-ewwel ġenitur / *First parent's name & surname*

Numru tal-*ID* / *ID Card no.*

Pajjiż fejn twieled/twieldet / *Country of birth*

Data tat-twelid / *Date of birth*

Isem u kunjom it-tieni ġenitur / *Second parent's name & surname*

Numru tal-*ID* / *ID Card no.*

Pajjiż fejn twieled/twieldet / *Country of birth*

Data tat-twelid / *Date of birth*

Isem u kunjom in-nannu / *Grandfather's name and surname*

Pajjiż tat-twelid / *Country of birth*

## 3. DETTALJI TAL-PARTI L-OĦRA FI ŻWIEĠ/UNJONI ĊIVILI/KOABITAZZJONI LEGALI
## *DETAILS OF SPOUSE/PARTNER IN MARRIAGE/CIVIL UNION OR LEGAL COABITATION*

Din il-parti trid timtela biss minn dawk kollha li huma miżżewġin, f'unjoni ċivili, f'koabitazzjoni legali, romol jew separati u li qed japplikaw **għall-ewwel darba**, kif ukoll minn dawk li biddlu isimhom/kunjomhom mill-aħħar passaport li kellhom sal-lum. Madanakollu, jekk il-passaport tiegħek ħareġ wara l-**01.01.1998** u d-dettalji tiegħek ma tbiddlux, din it-taqsima timlihiex u mur fuq **Taqsima 5.**
*To be completed only by married applicants, civil partners, couples in legal coabitation, widows, widowers and separated couples who are applying for the **first time** or who changed their name/surname since the issue of the last passport held. If you already had a passport issued after **01.01.1998** and your personal details remained unchanged, go to **Section 5.***

Isem u kunjom żewġek/martek/il-parti l-oħra fi żwieġ, unjoni ċivili jew f'koabitazzjoni legali
*Name & surname of spouse/partner in marriage, civil union or legal coabitation*

Data taż-żwieġ jew unjoni ċivili
*Date of marriage or civil union*

Belt/raħal u pajjiż tat-twelid ta' żewġek/martek/il-parti l-oħra fi żwieġ, unjoni ċivili jew f''koabitazzjoni legali
*Town/village and country of birth of spouse/partner in marriage, civil union or legal coabitation*

Data tat-twelid
*Date of birth*

Numru tal-passaport
*Passport number*

Numru tal-*ID*
*ID number*

## 3A. DETTALJI TAL- ĠENITURI TAL-PARTI L-OĦRA FI ŻWIEĠ/UNJONI ĊIVILI/KOABITAZZJONI LEGALI
## *DETAILS OF PARENTS OF SPOUSE/PARTNER IN MARRIAGE/CIVIL UNION OR LEGAL COABITATION*

Isem u kunjom l-ewwel ġenitur
*First parent's name & surname*

Data tat-twelid
*Date of birth*

Belt/raħal u pajjiż tat-twelid
*Town/village and country of birth*

Numru tal-*ID*
*ID number*

Isem u kunjom it-tieni ġenitur
*Second parent's name & surname*

Numru tal-*ID*
*ID number*

Isem u kunjom in-nannu
*Grandfather's name and surname surname*

Pajjiż tat-twelid
*Country of birth*

## 4. DETTALJI DWAR IĊ-ĊITTADINANZA
## *DETAILS OF CITIZENSHIP*

Timtela **biss** jekk inti sirt Malti/ja b'Reġistrazzjoni, Naturalizzazzjoni, b'Ċittadinanza Doppja, bi żwieġ jew b'unjoni ċivili lil ċittadin/a Malti/ja. Jekk jogħġbok ġib miegħek l-oriġinali taċ-ċertifikat taċ-Ċittadinanza ma' din l-applikazzjoni.
*To be completed **only** if you became a Maltese citizen through Registration, Naturalisation, Dual Nationality, upon marriage or civil union to a citizen of Malta. Kindly submit the original citizen certificate with this application.*

Numru taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni/Naturalizzazzjoni
*Registration/Naturalisation Certificate number*

Datat
*Dated*

Jiena m'iniex ċittadin/a tal-ebda pajjiż ieħor
*I am not a citizen of any other country*

Jiena ċittadin/a wkoll ta' (isem il-pajjiż)
*I am also a citizen of (state country)*

## 5. DIKJARAZZJONI TAL-APPLIKANT/A
## *DECLARATION BY APPLICANT*

Jiena, (niżżel ismek u kunjomok sħiħ)
niddikjara solennement illi, sa fejn naf jien:
*I, (insert your full name and surname) solemnly declare that, to the best of my knowledge and belief:*

(a) l-informazzjoni kollha li niżżilt fuq din il-formola hija eżatta
*(a) the information in this application is correct*
(b) Ilni naf lir-rakkomandant tiegħi għal mill-anqas sentejn (fejn japplika)
(b) *I have known my recommender for at least 2 years (were applicable)*
(ċ) jiena Ċittadin/a ta' Malta
(c) *I am a Citizen of Malta*

Firma/Signature *_______________________________________________

Data/*Date*

*Applikanti taħt it-18-il sena jistgħu ma jiffirmawx din id-dikjarazzjon. **Applicants under 18 years of age need not sign this declaration.*

## 6. PASSAPORT TA' QABEL
***PREVIOUS PASSPORT***

Jekk diġà għandek passaport, **ġib il-passaport kurrenti** miegħek meta tapplika għall-passaport il-ġdid. Jekk jogħġbok, niżżel ukoll in-numru, data u pajjiż minn fejn inħariġlek il-passaport.
*If you hold a passport, please **submit** your current passport with this application and write the passport number, date and country of issue.*

Numru tal-Passaport
*Passport number*

Data u pajjiż tal-ħruġ
*Date and country of issue*

## 7. KUNSENS TAL-ĠENITUR/I JEW TAT-TUTUR/I
***PARENT'S/TUTOR'S CONSENT***

Din it-taqsima trid timtela **biss** kemm-il darba l-applikant għadu taħt it-18-il sena. F'dan il-każ, **iż-żewġ ġenituri/tuturi jridu jiffirmaw din it-Taqsima.** Il-firma tal-ġenituri/tuturi trid issir fil-**preżenza** tar-rakkomandant li, min-naħa tiegħu, għandu jiffirma din it-taqsima **biss** wara li jaċċerta ruħu mill-identità taż-żewġ ġenituri**.** Importanti ħafna li Taqsima 7 kif ukoll Taqsima 8, flimkien ma' wieħed mir-ritratti jiġu ffirmati mill-**istess rakkomandant** (irreferi għan-Nota 6)**.**
*You should fill the consent in this section **only** if applicant is under 18 years of age. In such a case, **both parents/tutors must sign this Section**. The parents'/tutors' signatures **must be witnessed** by the same recommender who must also verify the true identity of the parents'**.** The **same recommender must** also sign Section 7 and Section 8 and one of the photographs (refer to Note 6).*

Jiena/aħna, il-ġenitur/i **/**tutur/i tal-minuri nagħti/u l-kunsens tiegħi/tagħna sabiex (niżżel isem il-minuri) *(insert the minor's name)*
l-istess minuri jinħariġlu/jinħarġilha passaport fuq ismu/isimha u li meta jkun lest jinġabar minn wieħed minna.
*I/We, the parent/s /tutor/s of the minor, hereby give my/our consent for him/her to hold a passport which may be collected by either one of us.*

Firma tal-ewwel ġenitur/missier/tutur. ________________________________________
*First parent's/father's/tutor's signature*

Numru tal-ID/*Identity Card no.*

Firma tat-tieni ġenitur/ l-omm/tutriċi ________________________________________
*Second parent's/mother's /tutor's signature*

Numru tal-ID/*Identity Card no.*

Firma tar-rakkomandant ________________________________________________
*Recommender's counter signature*

Numru tal-ID/*Identity Card no.*

**JIENA, IR-RAKKOMANDANT, QIEGĦED HAWN NIDDIKJARA LI Ż-ŻEWĠ FIREM TAL-ĠENITURI SARU QUDDIEMI**
***I, THE RECOMMENDER HEREBY DECLARE THAT BOTH PARENTS' SIGNATURES WERE MADE IN MY PRESENCE***

## 8. DIKJARAZZJONI TAR-RAKKOMANDANT
***DECLARATION OF RECOMMENDER***

Jiena, ir-rakkomandant, (niżżel ismek u kunjomok) niċċertifika illi, sa fejn naf jiena, l-istqarrijiet kollha li hawn f'din il-formola huma korretti u li jiena, ilni naf lill-applikant għal dawn l-aħħar sentejn.
*I, the recommender (insert your full name and surname) certify that to my best knowledge and belief, the statements made in this application are true and that I have known the applicant for at least 2 years.*
Ir-rakkomandant irid ikun domiċiljat fil-pajjiż fejn issir l-applikazzjoni.
*The Recommender has to be domiciled in the country where the application is being submitted.*

Firma tar-rakkomandant ________________________________________________
*Recommender's signature*

Numru tal-ID/*Identity Card no.*

Professjoni
*Occupation*

Data
*Date*

Indirizz tar-rakkomandant
*Recommender's address*

Kodiċi postali
*Postcode*

Telefon
*Telephone*

Timbru tar-Rakkomandant

Recommender's rubber stamp

**Għall-użu uffiċjali.** ***For official use only***

| | | | |
|---|---|---|---|
| RIĊEVUTA NHAR<br>*RECEIVED ON* | | PREŻENTATA MINN<br>*PRESENTED BY* | |
| *BIOMETRIC CAPTURE WORKSTATION* | | NRU. TAL-IRĊEVUTA<br>*RECEIPT NO.* | |
| | | URĠENZA<br>*URGENCY* | |
| *FRONT OFFICE REGISTRATION* | | *BACK OFFICE REGISTRATION* | |
| *VALIDATION* | | *Q.A./AUTHORITY* | |
| NOTI ADDIZZJONALI<br>*ADDITIONAL NOTES* | | | |

Il-Formola A tal-passaport tista' tinkiseb mill-**Uffiċċju tal-Passaporti,** mill-**Għases tal-Pulizija,** mill-**Kunsilli Lokali**, mill-**Aġenziji Ewlenin tal-Ivvjaġġar** u minn fuq il-**websajt tagħna** https://identitymalta.com/passport-office

Aktar informazzjoni tinkiseb minn fuq il-websajt tagħna https://identitymalta.com/passport-office , mill-websajt tal-Uffiċċju f'Għawdex https://mgoz.gov.mt/en/Pages/Departments/DG%20Operations/Customer%20Services/Passport-Office.aspx jew billi tagħmel kuntatt magħna kif jidher hawn taħt:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Uffiċċju tal-Passaporti MALTA**<br>**Binja Evans**<br>**Triq il-Merkanti**<br>**Valletta VLT 2000** | **Telefon**<br>**Freephone**<br>**imejl** | **2590 4100**<br>**8007 2386**<br>civil.registration@gov.mt | |
| **Uffiċċju tal-Passaporti GĦAWDEX**<br>**Ċentru Amministrattiv**<br>**Pjazza San Franġisk**<br>**Victoria VCT** | **Telefon** | **2215 6247** | **2215 6270** |

*The passport application Form A is available from the* ***Passport Office, Police Stations, Local Councils,*** *major* ***Travel Agencies*** *and from our website: https://identitymalta.com/passport-office*

*Further information is available from our website https://identitymalta.com/passport-office , the Gozo Office's website https://mgoz.gov.mt/en/Pages/Departments/DG%20Operations/Customer%20Services/Passport-Office.aspx or by getting in contact with us as follows:*

| | | | |
|---|---|---|---|
| ***Passport Office MALTA***<br>***Evans Building***<br>***Merchants Street***<br>***Valletta VLT 2000*** | ***Telephone***<br>***Freephone***<br>***email*** | ***2590 4100***<br>***8007 2386***<br>*civil.registration@gov.mt* | |
| ***Passport Office GOZO***<br>***Administrative Centre***<br>***St.Francis Square***<br>***Victoria VCT 1335*** | ***Telephone*** | ***2215 6247*** | ***2215 6270*** |

Il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Uffiċċju tal-Passaporti huma dawn:

| MALTA | | GĦAWDEX | |
|---|---|---|---|
| **XITWA (1 ta' Sett - 31 ta' Mej)** | **SAJF (1 ta' Ġun – 31 ta' Aww)** | **XITWA (1 ta' Ott – 15 ta' Ġun)** | **SAJF (16 ta' Ġun – 30 ta' Sett)** |
| Mit-Tnejn sal-Ġimgħa<br>7.30am - 2.00pm | It-Tnejn, it-Tlieta u l-Ħamis<br>7.30am - 2.00pm | Tnejn sal-Ġimgħa<br>7.30am - 1.30pm | Tnejn sal-Ġimgħa<br>7.30am - 12.00pm |
| L-Erbgħa<br>7.30am – 2.00pm<br>3.00pm – 6.00pm | L-Erbgħa u l-Ġimgħa<br>7.30am – 2.00pm<br>3.00pm – 6.00pm | Is-Sibt<br>7.30am - 11.00am | Is-Sibt<br>7.30am - 11.00am |
| Is-Sibt<br>7.30am – 11.00am | Is-Sibt<br>7.30am – 11.00am | | |

*The opening hours of the Passport Offices in Malta and Gozo are:*

| *MALTA* | | *GOZO* | |
|---|---|---|---|
| ***WINTER (1st Sept – 31st May)*** | ***SUMMER (1st Jun– 31st Aug)*** | ***WINTER (1st Oct – 15th Jun)*** | ***SUMMER (16th Jun – 30th Sept)*** |
| *Monday to Friday<br>7.30am – 2.00pm* | *Mon, Tue and Thurs.<br>7.30am – 2.00pm* | *Monday to Friday<br>7.30am – 1.30pm* | *Monday to Friday<br>7.30am – 12.00pm* |
| *Wednesday<br>7.30am – 2.00pm<br>3.00pm – 6.00pm* | *Wed and Fri<br>7.30am – 2.00pm<br>3.00pm – 6.00pm* | *Saturday<br>7.30am – 11.00am* | *Saturday<br>7.30 – 11.00am* |
| *Saturday<br>7.30am – 11.00am* | *Saturday<br>7.30am – 11.00am* | | |

**ĠRANET TAL-ĠBIR**

Sakemm ma tiġix avżat mod ieħor mill-Uffiċċju tal-Passaporti, il-passaport normalment ikun lesti biex jinġabar wara erbat' ijiem ta' xogħol **jekk tapplika f'Malta jew Għawdex**. F'każ li jinzerta jkun hemm xi Festa Pubblika jew l-Uffiċċju tal-Passaporti jkun magħluq, il-passaport jieħu aktar żmien biex jitlesta. Taħt ċirkostanzi normali, il-passaport tkun tista' tiġbru kif ġej:

| **ĠURNATA TAL-APPLIKAZZJONION** | **ĠURNATA TAL- ĠBIR** |
|---|---|
| It-Tnejn | Il-Ġimgħa |
| It-Tlieta | Is-Sibt |
| L-Erbgħa | It-Tnejn |
| Il-Ħamis | It-Tlieta |
| Il-Ġimgħa | L-Erbgħa |
| Is-Sibt | Il-Ħamis |

***COLLECTION DAYS***

*Unless otherwise advised by the Passport Officer, passports are normally ready for collection after 4 working days from date of application **if you apply in Malta or Gozo**. You will be notified if there are any Public Holidays or other days during which the Passport Office may be closed. In such instances, your passport takes longer to be ready. **Under normal circumstances,** you can collect your passport as shown here:*

| ***DAY OF APPLICATION*** | ***DAY OF COLLECTION*** |
|---|---|
| *Monday* | *Friday* |
| *Tuesday* | *Saturday* |
| *Wednesday* | *Monday* |
| *Thursday* | *Tuesday* |
| *Friday* | *Wednesday* |
| *Saturday* | *Thursday* |

## NOTI GĦALL-FORMOLA A

Jekk jogħġbok aqra sewwa dawn in-noti qabel ma tibda timla 'l-formola. Barra minn hekk, din il-formola m'għandhiex tiġi ffirmata mir-rakkomandant qabel ma tkun mimlija kollha, iffirmata u datata mill-istess applikant. Applikanti 'l fuq minn 14-il sena jridu jġibu **DEJJEM** magħhom il-Karta tal-Identità meta jissottomettu din l-applikazzjoni. L-applikanti kollha minn 6 snin il fuq jridu jiġu personalment fl-Uffiċċju tal-Passaporti biex jitteħdulhom il-fatturi biometriċi. F'każ li applikant ma jkunx jista jattendi personalment, ikun hemm bżonn li jiġi preżentat ċertifikat mediku kif spjegat f' Nota 7. **Applikazzjonijiet mibgħuta bil-posta ma jiġux aċċettati.**

Jekk inti ċittadin/a Malti/ja, inti tista' tapplika għall-passaport Malti. Għandek timla din il-**Formola A** sabiex tkun tista' tapplika. Din l-applikazzjoni tista' tintuża minn min se japplika l-**ewwel darba,** għal min se j**ġedded il-passaport,** għal **applikazzjoni urġenti** jew għal min **intiliflu, insteraqlu jew iddistruġġa l-passaport.**

Il-**Formola A** tista' tintuża wkoll minn persuni li jħaddnu Status ta' Refuġjat meta japplikaw għal **Dokument tal-Ivvjaġġar (skont il-Konvenzjoni tat-28 ta' Lulju, 1951),** minn persuni barranin gejjin minn pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea meta japplikaw għal **Dokument ta' Emerġenza,** jew minn persuni barranin li gejjin minn pajjiżi oħra meta japplikaw għal **Dokument ta' Identità.** Aktar informazzjoni rigward dawn id-dokumenti tal-ivvjaġġar tista tinkiseb mill-Uffiċċju tal-Konsumatur tagħna.

Bħala Stat Membru tal-UE, Malta għandha tieħu identifikaturi bijometriċi mill-applikant b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 444/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2009 li amenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u l-bijometrika f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri.

### 1. TIBDIL FL-ISEM, FIL-KUNJOM JEW FIL-ĠENERU

Jekk isir xi tibdil fl-isem, fil-kunjom jew fil-ġeneru (sew bi żwieġ/unjoni ċivili/separazzjoni/divorzju), ikun irid isir passaport ġdid. Kull tibdil fl-isem u/jew fil-kunjom irid ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku. Il-passaport Malti jinħareġ biss skont kif ikun reġistrat l-isem oriġinarjament fir-Reġistru Pubbliku. F'kull każ, ikun irid isir il-ħlas dovut kull darba li jsir passaport ieħor. Kull tibdil li jsir fl-isem jew fil-kunjom, barra fil-każ taż-żwieġ jew ta' adozzjoni, irid jiġi ppruvat b'dokumenti li juru li dan it-tibdil ikun sar f'Malta jew f'Għawdex *in bona fede.* Tibdil f'isem aċċettat f'pajjiż barrani permezz ta' *Deed Poll*, **ma jiġix rikonoxxut f'Malta** sakemm dan it-tibdil ma jiġix insinwat fir-Reġistru Pubbliku. **Jekk persuna mwielda barra minn Malta ma tkunx irreġistrat it-twelid tiegħha fir-Reġistru Pubbliku, allura dan it-twelid u/jew żwieġ u/jew divorzju, ikun irid jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku qabel ma wieħed jissottometti l-applikazzjoni għall-passaport Malti.**

### 2. ĊITTADINANZA DOPPJA

Passaporti Maltin jinħarġu lil ċittadini Maltin u lil persuni li jkunu saru ċittadini Maltin permezz ta' reġistrazzjoni, naturalizzazzjoni jew ċittadinanza doppja. Jekk inti diġà għandek ċittadinanza ta' xi pajjiż ieħor, inti tista' **titlef** iċ-ċittadinanza tal-pajjiż l-ieħor kif tapplika għall-passaport Malti. Jekk jogħġbok, iċċekkja mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż l-ieħor qabel ma timla din il-formola. L-Uffiċju tal-Passaporti jżomm id-dritt li jitlob dawk id-dokumenti u/jew ċertifikati kollha meħtieġa sabiex jiġi aċċertat bla ebda dubju li inti tassew eliġibbli għaċ-Ċittadinanza Maltija.

### 3. MINURI TAĦT IT-18-IL SENA

**It-tfal m'għadhomx jitniżżlu fuq il-passaport tal-ġenituri u għaldaqstant għandu jkollhom passaport maħruġ separatament fuq isimhom.** L-applikazzjoni ta' minuri taħt it-18-il sena trid tiġi ppreżentata **personalment** minn xi ħadd miż-żewġ ġenituri/tuturi. Trid tiġi ppreżentata **DEJJEM** il-**Karta tal-Identità oriġinali taż-żewġ ġenituri/tuturi.** Il-passaporti ta' minuri taħt it-18-il sena jinġabru biss u strettament minn xi wieħed miż-żewġ ġenituri/tuturi u **tkun trid tiġi preżentata dejjem il-Karta tal-Identità**. Applikazzjonijiet mibgħuta bil-posta ma jiġux aċċettati.

Il-kunsens tal-ġenituri/tuturi f'**Taqsima 7** jrid jimtela' dejjem meta ssir applikazzjoni għall-passaport ta' persuni taħt it-18-il sena. Ir-rakkomandant irid jara li l-firem f'Taqsima 7 taż-żewġ ġenituri/tuturi **jsiru quddiemu**. L-istess rakkomandant irid jimla wkoll **Taqsima 8.**

Jekk iż-żewġ ġenituri huma mejtin, it-tutur/i jrid/u jiffirma/w il-kunsens f'**Taqsima 7**. Persuna jew persuni li għandhom it-tutela tal-minuri waqt li l-ġenituri tat-tfal għadhom ħajjin, iridu jipproduċu kopja tas-sentenza tal-Qorti li turi li t-tfal huma taħt il-kustodja tagħhom. **Il-Karta tal-Identità** taż-żewġ tuturi trid tiġi murija dejjem meta wieħed japplika għall-passaport tat-tfal. Il-passaport irid jinġabar ukoll mit-tutur/i u tkun trid tiġi dejjem ippreżentata l-Karta tal-Identità. F'kull każ, ir-rakkomandant irid jiffirma wkoll **Taqsima 8** tal-applikazzjoni, wara li jkun aċċerta ruħu mill-identità taż-żewġ tuturi.

Jekk il-minuri diġà għandu passaport, jekk jogħġbok ġibu miegħek meta tiġi biex tapplika għall-passaport il-ġdid. Il-passaport il-qadim jingħatalek lura kkanċellat meta tiġi biex tiġbor il-ġdid (dejjem jekk m'hemmx xi restrizzjonijiet). Il-passaporti ta' dawk taħt it-18-il sena jingħabru biss u strettament minn xi wieħed miż-żewġ ġenituri, li jrid/trid juri/turi l-Karta tal-Identità tiegħu/tagħha. F'kull każ, **Prokura mhix aċċettabbli**, u l-Karta tal-Identità flimkien mal-irċevuta trid turihom dejjem meta tiġi biex tiġbor il-passaport**.**

a) Fil-każ ta' minuri **mit-twelid sa 5 snin**, iridu jiġu ffirmati Taqsima 7 u Taqsima 8 tal-formola u r-rakkomandant **irid jara li l-firem taż-żewġ ġenituri/tuturi jkunu saru quddiemu**. Hemm bżonn ukoll ta' **żewġ** ritratti tal-passaport tat-tfal u wieħed minnhom irid ikun iffirmat mingħand l-istess rakommandant li jkun iffirma Taqsima 7 u Taqsima 8. Il-minuri **m'għandux** għalfejn jattendi fl- Uffiċju tal-Passaporti.

b) Fil-każ ta' minuri bejn **is-6 u 13-il sena**, iridu jiġu ffirmati Taqsima 7 u Taqsima 8 tal-formola u r-rakkomandant **irid jara li l-firem taż-żewġ ġenituri/tuturi jkunu saru quddiemu**. Hemm bżonn ukoll ta' ritratt **wieħed** tat-tfal iffirmat mingħand l-istess rakommandant li jkun iffirma Taqsima 7 u Taqsima 8. Il-minuri jkollu bżonn ikun preżenti xorta waħda fl-uffiċċju tagħna sabiex jerġu jittieħdu ritratt biometriċi. Minuri minn 12-il sena 'fuq jitteħdulhom ukoll il-marki tas-swaba.

c) F'każ ta' żagħżagħ bejn **l-14 u 15-il sena**, iridu jiġu ffirmati Taqsima 7 u Taqsima 8 tal-formola u r-rakkomandant **irid jara li l-firem taż-żewġ ġenituri/tuturi jkunu saru quddiemu.** M'hemmx bżonn ta' ritratti **pero'** trid tiġi preżentata l-Karta tal-Identità **14+** tal-minuri. Il-minuri jkollu bżonn jiġu personalment fl-uffiċċju tagħna sabiex jittieħdu ritratt biometriċi, il-marki tas-swaba u l-firma.

d) F'każ ta' żagħżagħ bejn **is-16 u 17-il sena**, iridu jiġu ffirmati Taqsima 7 u Taqsima 8 tal-formola u r-rakkomandant **irid jara li l-firem taż-żewġ ġenituri/tuturi jkunu saru quddiemu.** M'hemmx bżonn ta' ritratti **pero'** trid tiġi preżentata l-Karta tal-Identità **16+** tal-minuri. Il-minuri jkollu bżonn jiġu personalment fl-uffiċċju tagħna sabiex jittieħdu ritratt biometriċi, il-marki tas-swaba u l-firma.

## 4. ADULTI MINN 18-IL SENA 'L FUQ LI SE JAPPLIKAW GĦALL-EWWEL DARBA

Jekk inti persuna 'l fuq minn 18-il sena u qed tapplika għall-ewwel darba, imla d-dettalji kollha mitluba, jiġifieri Taqsima 1, Taqsima 2, Taqsima 3 (skont liema applikabbli għalik), Taqsima 4 (jekk applikabbli), Taqsima 5 u Taqsima 8. Taqsima 8 jrid jimlihielek u jiffirmahielek rakkomandant li jrid ikun ilu jafek għal mill-anqas **sentejn.** Dan ir-rakkomandant jista' jkun uffiċjal pubbliku mhux inqas minn grad ta' prinċipal jew grad ekwivalenti, persuna ta' professjoni, saċerdot jew kwalunkwe persuna oħra tal-istess statura. Ġib miegħek ukoll il-Karta tal-Identita oriġinali. L-applikazzjonijiet għall-persuni adulti jridu jinġiebu personalment mill-applikant u, meta jkunu lesti l-passaporti, dawn ikun jistgħu jiġbru **biss** mill-istess applikant.

## 5. ADULTI MINN 18-IL SENA 'L FUQ LI DIĠA' KELLHOM PASSAPORT QABEL

Jekk diġà għandek passaport Malti, jekk jogħġbok ġibu miegħek meta tiġi biex tapplika għall-passaport il-ġdid. Il-passaport il-qadim jingħatalek lura kkanċellat mill-Uffiċju tal-Passaporti meta tiġi biex tiġbor il-ġdid (dejjem jekk m'hemmx xi restrizzjonijiet). Trid timla' Taqsima 1, Taqsima 2, Taqsima 3 (jekk applikabbli), Taqsima 4 (jekk applikabbli), Taqsima 5 u Taqsima 6. Taqsima 8 m'hemmx bżonn li timtela' kemm il-darba ġġib miegħek il-passaport li skada/ser jiskada. Madankollu, jekk il-passaport tiegħek tliftu, serquhulek, qattajtu jew iddistruġġejtu, Taqsima 8 trid timtela' kif spjegat fuq **Nota 6**. Ġib miegħek ukoll il-Karta tal-Identita oriġinali. L-applikazzjonijiet għall-persuni adulti jridu jinġiebu personalment mill-applikant u, meta jkunu lesti l-passaporti, dawn ikun jistgħu jiġbru **biss** mill-istess applikant.

## 6. JEKK IL-PASSAPORT ĠIE MITLUF, MISRUQ, JEW DISTRUTT

Jekk il-passaport tliftu, serquhulek, qattajtu jew iddistruġġejtu, trid tagħmel rapport fl-eqreb Għassa tal-Pulizija qabel ma tapplika għall-passaport ieħor ġdid. **L-applikazzjoni tal-passaport il-ġdid ma tiġix pproċessata qabel ma ġġib ir-rapport mill-Għassa tal-Pulizija**. Barra minn hekk, trid tieħu ġurament jew tagħmel dikjarazzjoni solenni fl-Uffiċċju tal-Passaporti fejn trid tagħti d-dettalji kollha u r-raġunijiet għala l-passaport ma tistax tirritornah lura. Passaport ġdid minflok il-passaport mitluf, misruq, imqatta' jew distrutt jista' jinħareġ biss wara li jkunu saru l-investigazzjonijiet kollha u għaldaqstant, **ma nkunux nistgħu noħorġulek passaport urġenti** minflok wieħed li jkun ġie dikjarata mitluf, misruq, imqatta jew distrutt. F'ċerti każi, il-passaport il-ġdid minflok dak mitluf jinħareġ biss restritt għal żmien limitat.

Jekk inti persuna 'l fuq minn 18-il sena u qiegħed terġa tapplika għall-passport ġdid minflok dak mitluf, misruq, imqatta' jew distrutt, imla d-dettalji kollha mitluba f'Taqsima 1, Taqsima 2, Taqsima 3 (jekk applikabbli), Taqsima 4 (jekk applikabbli), Taqsima 5, Taqsima 6 u Taqsima 8. Taqsima 8 jrid jimlihielek u jiffirmahielek rakkomandant li jrid ikun ilu jafek għal mill-anqas **sentejn.** Dan ir-rakkomandant jista' jkun uffiċjal pubbliku mhux inqas minn grad ta' prinċipal jew grad ekwivalenti, persuna ta' professjoni, saċerdot jew kwalunkwe persuna oħra tal-istess statura. Ġib miegħek ukoll il-Karta tal-Identita oriġinali meta tapplika.

Jekk inti ġenitur/tutur u qiegħed tapplika għall-passport ġdid minflok dak mitluf, misruq, imqatta' jew distrutt ta' minuri, trid tagħmel rapport fl-eqreb Għassa tal-Pulizija f'isem il-minuri, qabel ma tapplika għall-passaport ieħor ġdid. Barra minn hekk, trid tieħu ġurament jew tagħmel dikjarazzjoni solenni fl-Uffiċċju tal-Passaporti f'isem il-minuri fejn trid tagħti d-dettalji kollha u r-raġunijiet għala l-passaport ma tistax tirritornah lura. Taqsima 7 u Taqsima 8 jridu jimtlew u jiġu ffirmati dejjem meta ssir applikazzjoni għall-passaport ta' persuni taħt it-18-il sena u r-rakkomandant irid jara li l-firem taż-żewġ ġenituri/tuturi **jkunu saru quddiemu**. L-applikazzjoni tal-minuri trid timtela' kif spjegat fuq **Nota 3**.

## 7. META L-APPLIKANT MA JISTAX JIĠI PERSONALMENT MINĦABBA KAŻ TA' SAĦĦA

Jekk applikant minn 12-il sena 'l fuq **ma jkunx jista' jiġi personalment** japplika għall-passaport minħabba raġunijiet serji iżda temporanji ta' saħħa biex jitteħdulu l-marki tas-swaba', il-passaport jinħareġ **b'perjodu ta' validità ta' sena jew inqas**. Ikun hemm bżonn jiġi ppreżentat ċertifikat mediku bħala prova tal-problema ta' **saħħa serja temporanja**. F'każijiet bħal dawn, qarib tal-applikant ikun irid iġib dikjarazzjoni mit-tabib li fiha it-tabib jiddikjara illi l-applikant (isem, kunjom u numru tal-Karta tal-Identita' tal-applikant) ma jistax jattendi personalment fl-Uffiċju tal-Passaporti minħabba raġunijiet mediċi. Fuq l-istess dikjarazzjoni, it-tabib jitlob lill-Uffiċju tal-Passaporti sabiex il-qarib tal-applikant (isem, kunjom u numru tal-Karta tal-Identita' tal-qarib) ikun jista japplika u jiġbor il-passaport tal-applikant. Il-qarib irid iġib il-Karta tal-Identita' **oriġinali** tal-applikant, il-passaport (fejn applikabbli) tal-applikant u Karta tal-Identita' oriġinali tiegħu (tal-qarib). Il-passaport jinħareġ **b'perjodu ta' validità ta' sena jew inqas**.

Ikun hemm bżonn li l-applikant jiffirma l-*Formola Biex Tittieħed Immaġini*. Dil-formola issibha onlajn u mill-Uffiċju tal-Passaporti. Trid timtela dejjem Taqsima 8 tal-Formola A flimkien ma' żewġ ritratti tal-passaport tal-applikant. Wieħed mir-ritratti li se ġġib irid ikun iffirmati minn rakkomandant kif spjegat fuq **Nota 10.**

Ġaladarba l-applikant ifieq mill-mard temporanju sever li jkollu, ikun jista japplika biex jinħareġ passaport validu għat-terminu sħiħ. Ikun hemm bżonn li timtela' il-Formola A mill-ġdid, jiġi ritornat lura il-passaport li jkun ħareġ restritt u jsir il-ħlas dovut.

L-Uffiċjal Ewlieni tal-Passaporti jista jitlob kwalunkwe' dokumentazzjoni u evidenza addizzjonali kif meħtieġ sabiex jikkonferma bla ebda dubju is-severita' tal-mard tal-applikant.

## 8. F'KAŻ LI MA TKUNX TISTA' TIPPROVDI L-MARKI TAS-SWABA'

